

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 664/2011

tal-11 ta' Lulju 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjaġġi ta' skart biex jinkludi ċerti taħlitiet ta' skart fl-Anness IIIA miegħu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt (c) tal-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Finlandja ressqet talba lill-Kummissjoni għal taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B3040 u B3080 ta' Basel biex jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.
- (2) Ir-Renju Unit ressaq talba lill-Kummissjoni għal taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3020 ta' Basel biex jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.
- (3) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja fir-rigward tal-aċċettabilità ta' taħlit ta' skart li jikkorrispondi għal inċiżi differenti jew subinċiżi tal-entrati B1010, B2010, B2030, B3010, B3020, B3030, B3040 u B3050 ta' Basel biex jiġu kkunsidrati għall-inklużjoni fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006. B'kunsiderazzjoni ta' daww il-kummenti, il-Kummissjoni għażlet lista ta' taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt entrata waħda ta' Basel għall-inklużjoni fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.
- (4) Il-Kummissjoni vvalutat it-talbiet mill-Finlandja u mir-Renju Unit u l-kummenti tal-Istati Membri u fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni ntagħżlu lista ta' taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt entrati individwali ta' Basel għall-inklużjoni fl-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

- (5) Huwa importanti li jiġi ċċarat liema proċeduri huma applikabbli għall-vjaġġi ta' taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt entrata waħda ta' Basel. Sabiex titħalla l-esportazzjoni ta' ffit minn daww it-taħlitiet ta' skart lejn pajjiżi li d-Deċiżjoni OECD C(2001) 107/Finali tal-Kunsill tal-OECD li tikkonċerna r-reviżjoni tad-Deċiżjoni C(92) 39/Finali dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru (id-Deċiżjoni tal-OECD) ma tapplikax, bl-użu tar-rekwiżiti ta' informazzjoni ġenerali stipulati fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, huwa meħtieġ perjodu ta' tranżizzjoni għal daww il-pajjiżi qabel ma jkunu jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni, jekk taħlitiet rilevanti ta' skart jistgħux jiġi esportati għal dak il-pajjiż u dwar il-proċedura ta' kontroll applikabbli, jekk hu l-każ.

- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 hu emendat skont it-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidholl fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu, f'każ ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni OECD ma tapplikax, il-punt 3 tal-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, kif emendat b'dan ir-Regolament, għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2012.

⁽¹⁾ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

L-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 hu emendat kif ġej:

(1) il-punt 2 hu sostitwit b'li ġej:

“2. It-taħlitiet ta' skart li ġejjin huma inklużi f'dan l-Anness:

- (a) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B1010 u B1050 ta' Basel;
- (b) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B1010 u B1070 ta' Basel;
- (c) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B3040 u B3080 ta' Basel;
- (d) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata GB040 (OECD) u taħt l-entrata B1100 ta' Basel ristretti għal żingu mhux pur u iebes, ħmieġ tal-metalli li fih iż-żingu, tneħħija ta' aluminju mill-wiċċ ta' likwidu (jew tneħħija mill-wiċċ ta' likwidu) li teskludi fdalijiet ta' melħ minn metall imdewweb u skart ta' kisi ta' refrattarji, li jinkludi griġjoli, li joriġina mit-tisħin u t-tidwib tar-ram sabiex jinkiseb minnu l-metall li jkun fih;
- (e) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata GB040 (OECD), taħt l-entrata B1070 u B1100 ta' Basel ristretti għal skart ta' kisi ta' refrattarji, li jinkludi griġjoli, li joriġina mit-tisħin u t-tidwib tar-ram sabiex jinkiseb minnu l-metall li jkun fih.

L-entrati msemmija fil-punti (d) u (e) ma għandhomx japplikaw għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni OECD ma tapplikax.”

(2) il-punt 3 li ġej hu miżjud:

“3. It-taħlitiet ta' skart li ġejjin, ikklassifikati taħt inċiżi separati jew subinċiżi tal-istess entrata, huma inklużi f'dan l-Anness:

- (a) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B1010 ta' Basel;
- (b) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B2010 ta' Basel;
- (c) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B2030 ta' Basel;
- (d) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3010 ta' Basel u elenkati taħt *Ruttam tal-plastik tal-polimeri mhux aloġenati u l-kopolimeri*;
- (e) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3010 ta' Basel u elenkati taħt *Skart ittrattat tar-raża jew prodotti ta' kondensazzjoni*;
- (f) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3010 ta' Basel u elenkati taħt *Perfluoro alkoxyalkane*;
- (g) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3020 ta' Basel ristretti għal karta jew kartun mhux ibbliċjati jew minn karti jew kartun immewġin, karta oħra jew kartun ieħor, magħmul(a) prinċipalment minn polpa kimika ibbliċjata fil-biċċa l-kbira mhux miżbugħ(a), karta jew kartun magħmulin prinċipalment minn polpa mekkanika (pereżempju gazzetti, ġurnali u materjal simili stampat);
- (h) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3030 ta' Basel;
- (i) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3040 ta' Basel;
- (j) taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata B3050 ta' Basel.”